**Laqgħa Numru 52**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**13 t'April 2023**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fis-13.00 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi -Viċi Sindku

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 52.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

52.1.1 Is-Segretarju nfurmat lis-sedja li l-Viċi Sindku kien qed jattendi b'mod virtwali waqt li l-Kusilliera Jeanelle Attard kienet se tkun ftit tard.

## 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

52.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 49 u tal-laqgħa b'urġenza Nru 51 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rispetivament.

## 52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

52.3.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li x-xogħol fil-playingfield tal-Hamrija kien mixi ġmielu fejn kienet ingħatat l-ewwel passat tar-rubber flooring. Is-Sindku spjega li kif it-tender tal-fencing fuq l-istess playingfield kienet ser tagħlaq għall-aħħar tal-ġimgħa kellu jinħatar bord tal-evalwazzjoni. Il-membri preżenti qablu li fuq dan il-bord kellhom jinħatru l-accountant Daniel Galea, l-avukat Dr Kevin Mompalao u l-inġinier Mario Cauchi evalwaturi, segretarju tal-bord is-Segratarju Eżekuttiv waqt li Chairperson William Sultana.

52.3.2 Is-Sindku nforma lis-sedja li dik il-ġimgħa stess kellu laqgħa fuq l-Eco Park ippjanat għall-playingfield tal-Barmil. Fil-ġimgħat li ġejjin, is-Sindku kellu jingħata aktar dettalji fuq kif se jiġi d-disinn u jkun jista' jiddiskuti aktar 'l quddiem fil-laqgħat tal-Kunsill.

52.3. 3 Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill kellu japplika taħt il-fondi tad-DPF għat-tisbiħ fil-playingfield ta' Ġokk. Dan peress li l-istima biex l-art isir stencil, jinbidel id-dawl u anke jsir playing equipment ġdid intellgħet mhux ħażin. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu japplika taħt dan il-fond. Is-Sindku elenka li hemm diġa' gym equipment, u music equipment taħt skemi oħra li se jkunu nstallati fl-istess playingfield.

2.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istimi tal-isqaqin ta' parti minn Triq Id-Dejqa u Triq Ċappelli u Trejqet L-Għammiedi kienu tlestew mill-Perit. Kulma kien jonqos h u li toħroġ l-iskema mwegħda mill-Ministeru biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' japplika għalihom. L-istimi jammontaw għal €97,000 għal Trejqet L-Għammiedi u Triq id-Dejqa għal €138,000.

52.3.5 Is-Sindku għamel referenza għall-proġett tal-ġnien maħsub li jsir bejn il-Kunsill tax-Xewkija u Ta' Għajnsielem fil-limiti Ta' Brieghen. Is-Sindku spjega li l-Perit Muscat kien provda l-istimi tax-xogħol involuti u anke bankijiet, picnic tables u play equipment. Il-Perit kellu jara jekk hemmx bżonn DNO jew full permit.

52.3.6 Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill li kien ġie avvincinat mill-Primary Health biex il-Kunsill jgħinhom isibu post ikbar fejn tkun tista' tiġi rrilokata l-berġa peress li fejn qegħdin il-post huwa wisq żgħir. Il-post għandu jkun mal-livell tat-triq.

## 52.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

52.4.1 Il-Viċi Sindku għamel referenza għat-talba li kellu min-naħa ta-MIP biex l-istreet light fl-Industrial Estate jgħaddi taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li din it-talba trid tgħaddi lir-Reġjun t'Għawdex peress li l-Industrial Estate għalkemm fix-Xewkija ma taqax taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill.

52.4.2 Il-Viċi Sindku rrefera għat-talba informali min-naħa tal-LEAP biex jieħu l-binja tal-librerija u din tiġi rrilokata għal Triq Jean De La Valette. Il-Viċi Sindku elenka ukoll li l-iskola kellha bżonn ta' aktar spazju hekk kif kompliet iżid fin-numru ta' studenti. Il-Kunsill iddiskuta li l-post fejn tinsab il-librerija qed tajjeb ħafna u f'dan l-istadju għandha ssir laqgħa fuq din il-materja biss biex il-Kunsill ikollu aktar informazzjoni.

**52.5 Festa 2023**

52.5.1 Is-Sindku rreferra għat-talba li qed ikolli minn diversi sidien ta' żwiemel biex mill-ġdid jerġa' jsir it-tberik taż-żwiemel. Is-Sindku kien qed jipproponi li tberik jsir il-Ħadd 18 ta' Ġunju 2023 fejn jibda defile minn Triq San Bert bit-tberik isir fil-pjazza. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li nistiednu l-iscouts biex jakkompanjaw d-defile biż-żwiemel. Is-Sindku kellu jitkellem mal-Arċipriet biex jikkonferma li m'hemmx attivitajiet oħra f'dik il-ġurnata.

52.5.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill ġiet ippreżentata t-talba mill-Kumitat taż-Żgħażagħ Brijużi għar-rally li ser isir fis-27 ta' Mejju 2023 u kien qed jitolbu biex il-Kunsill jikkoloborra f'din l-attivita' u jkopri l-ispejjeż tal-kiri tal-imwejjed u s-siġġjiet. Il-Kunsill qabel li jiġu ppreżentati stimi ta' dawn l-ispejjeż. L-istess għaqda talbet biex tuża Ġnien Masġar għal żewġ attivitajiet ta' fund raising. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġezzjoni

**52.6 International Food Festival 2023**

52.6.1 Is-Sindku spjega li l-organizzaturi tal-International Food Festival b'differenza għas-snin 'l imgħoddija kienu qed jesiġu li l-Kunsill jikkoloborra biex jittella' dan l-avveniment fix-Xewkija. L-organizzaturi kienu se jibagħtu €5 voucher f'kull residenza fix-Xewkija. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsill kellu jikkoloborra biex b'hekk dan l-avveniment ma jintilifx mix-Xewkija.

*13.52 Paul Azzopardi kellu joħroġ mil-laqgħa mħabba mpenji oħra.*

**52.7 Levant**

52.7.1 Is-Sindku rreferra għat-talba mill-Kumitat Ċentrali tal-Festa biex il-Kunsill jidħol bħala organizzat tal-Levant u jikkolloborra fl-ispejjeż ta' dan l-avveniment. Dan l-avveniment se jittella' fl-1 ta' Settembru 2023. Il-membri tal-Kunsill preżenti ma qablux li l-Kunsill għandu jidħol responsabbli ta' dan l-avveniment. Is-Segreatarju ħadet nota biex tieħu ħsieb tinforma lill-Kumitat Ċentrali biex jieħdu ħsieb jibagħtu l-istima tal-band biex il-kollobarazzjoni li kellha tingħata mill-Kunsill tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**52.8 Skemi maħruġa mid-Dipartiment**

52.8.1 Il-Kunsill iddiskutta l-iskema SPI/SCI/01/2023 waqt li ġew ikkonsidrati l-linji gwida. Il-

membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsill għandu japplikka biex jitellew l-attivitajiet marbuta ma’ Fiori D’Argenta nhar it-Tnejn 28 u t-Tlieta 29 t’Awwissu 2023 li jkunu jikkonsistu f’serata għana t-Tnejn 28 t’Awwissu u fid-29 t’Awwissu jitella’ programm tal-banda, spettaklu minn Lydon u Jomike, il-qsim tat-torta ta’ San Ġwann u l-ħuġġieġa ta’ San Ġwann.

52.8.2 Is-segretarju spjegat li din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% għall-attivita’. Il-Kunsill unanimament qabel li jkopri l-bilanċ ta’ 15% li jifdal. Il-Kunsill iddiskutta li l-ispejjeż biex jittelgħu dawn l-attivitajiet m’għandiex tkun aktar minn €13,000.

*15.15 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard daħlet fil-kamra tal-Kunsill.*

## 52.9 Korrispondenza u Ilmenti

52.9.1 03/03/2023 Korrispondenza mingħand Valerie Meilak lis-Sindku, Kunsilliera u Segretarja Eżekuttiva dwar Mixja Puttinu Cares.

52.9.2 02/03/2023 Proposta Innovazzjoni Diġitali għat-tfal fil-Kunsilli wara l-Pandemija.

52.9.3 03/03/2023 Korrrispondenza mingħand is-Sur Mario Favo fuq l-European Green Capital Award.

52.9.4 06/03/2023 Ċirkulari Nru 4/2023 fuq l-inizjattiva tal-ischool grannies.

52.9.5 13/03/2023 Korrispondenza mingħand il-Kumitat Ċentrali tal-Festa fuq il-Marċ Milied Sajfi. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil unanimu li għal kull talba għall-kollobarazzjoni kellu tintbagħat stima tal-ispejjeż biex b’hekk il-Kunsill ikun hemm jiddeċiedi fuq il-figura tal-għajnuna.

52.9.6 13/03/2023 Korrispondenza mingħand Joseph Grech għan-nom ħbieb Ġibjun għal Għajnuna ta’ €390 fil-fundraising tal-figolli. Il-Kunsill ma qabilx peress li l-attivita’ kienet għaddiet.

52.9.7 08/03/2023 Avviż ta’ Permess Triq Indri Borg maħruġ mill-Planning Authority.

52.9.8 13/03/2023 Cir AKL 2023/016 Times of Malta Business Breakfast – Introduction to ESG.

52.9.9 13/03/2023 Korrispondenza mingħand Quinten Scerri dwar il-Malta International Food Festival – Gozo Edition 2023. Din it-talba kienet parti mill-Agenda.

52.9.10 14/03/2023 Skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 – L-Ewwel Parti.

52.9.11 08/03/2023 Korrispondenza dwar Mallet del Valles looking for partners for a digital inclusion.

52.9.12 15/03/2023 Korrispondenza mingħand Marvic Gauci dwar ‘Performance with a Good Cause’.

52.9.13 16/03/2023 Korrispondenza mingħand Charles Borg fejn talab għajnuna finanzjarja għall-Programm Mużikali fi żmien il-festa ta’ San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li s-

Segretarju kellha tikkomunika biex jintbagħtu l-istimi imbagħad il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi kemm għandha tkun il-kollaborazzjoni.

52.9.14 20/03/2023 Skemi għall-Kunsilli Lokali 2023-It-Tieni Parti SPI/SCI/04/2023 & SPI/SCI/05/2023.

52.9.15 21/03/2023 Korrispondenza mingħand Christianne Dimech lil Kunsill Lokali fejn talbet permess biex tagħmel party fi Ġnien Blankas.

52.9.16 21/03/2023 Talba ta' Għajnuna Festa San Gwann Battista mill-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin.

52.9.17 23/03/2023 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera dwar Attivita lill-Aġenzija Sapport jixtiequ jagħmlu fi Ġnien Blankas.

52.9.18 23/03/2023 It-Tieni Edizzjoni tan-National Stem Community Fund 2023.

52.9.19 23/03/2023 Eramus+and European Solidarity Corps Current Open Calls.

52.9.20 24/03/2023 Sejħiet għal applikazzjoni għal għotjiet taħt miżuri tal-Programm għall-Iżvilupp Rurali – Laqgħat ta' informazzjoni.

52.9.21 24/03/2023 Switching off ligħts for Hour - Saturday 25 March 2023.

52.9.22 27/03/2023 Korrispondenza mill-FSWS dwar attivita tal-Għid li jixtieq jorganizzaw fi Ġnien Ta' Blankas. Din l-email ġiet ifforwardjata lis-Sindku u Kunsilliera mis-Segretarja Eżekuttiva.

52.9.23 28/03/2023 Laqgħa b'Urġenza.

52.9.24 30/03/2023 Conference Invite – Building Europe with Local Councillors

52.9.25 03/04/2023 Talba mill-Kap tal-Iskola Primarja Xewkija għall-kollaborazzjoni fil-ħruġ tal-Magazine tal-Iskola.

52.9.26 04/04/2023 Korrispondenza mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali fuq Linji Gwidi Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Lokali jew Reġjonali.

52.9.27 05/04/2023 Korrispondenza mingħand Ms Jeanelle Attard dwar il-Korsijiet tas-Sajf. Il-Kunsill idiskutta u kien hemm qbil li l-Kunsilliera Jeanelle Attard kellha tieħu ħsieb tikkuntattja l-għalliema biex isiru sessjonijiet ta' Expression of Arts. Is-sessjonijiet ta' tagħlim għat-tfal tal-Kinder 1 u Kinder 2 kellhom isiru fi Ġnien Blankas u b'hekk ikun aktar sessjonijiet ta' hands on.

52.9.28 05/04/2023 Agenda tal-Laqgħa tal-Kunsill Nru 52.

52.9.29 Ilment dwar is-sewqan eċessiv fi Triq il-Ħamrija. Il-Kunsill konxju mill-problema u se jkun qed jibgħat mill-ġdid isaqsi għal-laqgħa mal-awtoritajiet ikkonċernati.

52.9.30 Talba biex isir it-traffic management fi Triq Lorenzo Zammit Haber u Triq Loġġa wara li kienet saret it-triq.

52.9.31 Talba biex isiru tabelli tal-istop signs ħdejn Ġnien It-Tfal fi Triq Il-Kanal. Il-Kunsill qabel ma' dan.

52.9.32 Talba biex bozza numru 326 fi Sqaq Nru 4, fi Triq Santa Katerina titħarrek. Il-Kunsill ikkunsidra li l-iżvilupp ta' għadhom applikazzjoni f'dan l-istadju.

52.9.33 Talba biex isir ħadida mal-kantuniera ta' residenta fi Triq Ta' Gokk. Il-Kunsill idiskutta li dan mhux permess mil-liġi u għaldaqstant din it-talba ma ġietx milqugħa.

52.9.34 Talba biex timtela ħofra biex timtela fi Triq San Duminku kantuniera ma' Triq Kraba. Il-Kunsill qabel li din il-manitenzjoni għandha ssir immedjatament.

52.9..35 Talba biex issir 'Sleeping Police' fi Triq il-Ħġejjeġ ma Triq Kav.L.Z. Ħaber minħabba li qed isir sewqan eċċessiv fiha. Il-Kunsill iddiskuta li minn din it-triq tgħaddi tal-linja u għaldaqstant TM ma jagħtux approvazzjoni għall-isleeping police.

## 52.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

52.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 52.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

52.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.50pm. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 17 ta' Mejju 2023 fl-4.00pm

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |